**Laqgħa Numru 2**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija**

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

**8 t'Lulju 2019**

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 28, Triq Santa Katerina, Xewkija, Għawdex. Il-laqgħa bdiet fl-4.20 ta' wara nofsinhar.

---

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Hubert Saliba | - Sindku |
| Paul Azzopardi | - Viċi Sindku |
| Jeanelle Attard | -Kunsilliera |
| Johnny Vella | -Kunsillier |
| Domenic Zerafa | - Kunsillier |

ASSENTI B'APOLOĠIJI (skond Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Attard

- Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Hubert Saliba ppresieda l-laqgħa.

**2.1 Qari ta' l-Ittri ta' apoloġiji;**

2.1.1 Ma kienx hemm ittri ta'apoloġiji mill-Kunsilliera.

**2.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

2.2.1 Il-minuti tal-laqgħa Nru.1 li saret nhar it-Tlieta 2 ta'Lulju 2019 ġew approvati unanimament mill-Kunsilliera preżenti u iffirmati mis-Sindku u Segretarju Eżekuttiv.

**2.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

2.3.1 Is-Sindku rrefferra għall-kuntratturi tal-knis u żamma tat-toroq. Is-Sindku stqarr li ma kinex kuntent bis-servizz li qed joffru qed kif l-ilmenti l-Kunsill kienu kontinwi u kien kontinwament qed jiġbed l-attenzjoni biex dawn jieħdu azzjoni fejn jidħlu l-ilmenti. Għalhekk talab li fil-laqgħa li jmiss dawn ikunu preżenti biex jerġa' jiġbdilhom l-attenzjoni.

2.3.2 Is-Sindku rrefera għall-ilmenti li qed jidħlu l-Kunsill fuq il-bring-in-sites fir-raħal b'mod partikulari dawk fl-inħawi tal-Ġokk. Is-Sindku nforma l-membri tal-Kunsill li kien ordna lill-kuntrattur li jekk dawn mhux se jitbagħtlu u jinżammu kif suppost kien lest li jneħħijhom b'mod immedjat. Il-membri ddiskuttew il-possibilita' ta' cameras biex ikun hemm aktar kontrol fuq min juża dawn il-BIS. Is-Sindku kkumenta li camera mal-BIS kienu qed isiru mill-kuntrattur tal-BIS stess.

2.3.3 B'referenza għat-tender ta' *Resurfacing* fuq Triq Santa Eliżabetta, is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill li l-offerti mitfugħa kienu ferm aktar mill-istima. Kienet intbagħtet imejl mis-Segretarju fejn intalbet l-assistenza tal-Ministeru t'Għawdex. Ir-risposta mill-Ministru kienet li se tgħin fejn tista'. Is-Sindku stqarr li barra r-resurfacing tat-triq kien hemm bżonn ukoll li jsiru l-bankini mill-ġdid. Għall-bankini fl-istess triq kellha ssir talba lill-Ministru hekk kif dawn jagħmel sens li jsiru max-xogħol tat-triq.

2.3.4 Is-Sindku kkomunika li l-Evviva Wine Festival ma kienx suċċess daqskemm kien mistenni. Infatti in-nies preżenti għal dan l-avveniment kien ferm inqas mis-sena ta' qabel. Is-Sindku stqarr li jixtieq li dan l-avveniment jibqa' jsir f'Lulju imma jemmen li jista' jsir differenti b'*marketing* tajjeb tal-avveniment. Is-Sindku ssuġġerriexxa li dan jista' jsir anke b'inbid lokali. Il-Kunsillera Jeanelle Attard stqarret li hi ma taqbilx ma' dan. F'dan l-istadju kien talab li jinġabru l-kontijiet biex wieħed jindaga kemm ġiet l-ispiża. Is-segretarju kkonfermat li ma kellhiex f'idejha l-kontijiet kollha u kien anke l-*accountant* li ġibed l-attenzjoni li l-ispiża kienet waħda eċċessiva. Is-segretarju ġibdet l-attenzjoni li ma kinitx komda taħdem mas-Sur Camilleri għal diversi fatturi.

2.3.5 Is-Sindku rreferra għall-Community Workers u l-membri tal-Kunsill ddiskuttew u qablu li dawn jistgħu jagħtu aktar lill-Kunsill. Kellha tinġibed l-attenzjoni lill-ħaddiem partikolari peress li raw it-trakk tal-Kunsill fejn il-propjeta' tiegħu.

2.3.6 Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill li x-xogħol fuq ir-roundabout fi Vjal Il-Labour kellhu jibda minnufih. Rigward il-lights fejn il-kapella tal-Ħniena kellhu tagħrif li dawn kienu ser isiru ukoll.

2.3.7 Is-Sindku ppreżenta fuq il-mejda l-*Evaluation Report* mill-Bord tal-Evalwaturi tat-Tender ta' Measure 4.4. Il-membri tal-Kunsill unanimament approva irrakomodazzjoni tal-bord.

**2.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

2.4.1 Il-Kunsillier Johnny Vella ssuġġerriexxa li jsiru cameras minnufih speċjalment fil-pjazza, playingfields u anke mal-Bring-In-Sites biex b'hekk jinqata' l-vandaliżmu u tiżdied aktar is-sigurta' fir-raħal. Is-segretarju kellha tiċċekja mal-Ministeru rigward is-sistema ta' dawl fil-pjazza biex b'hekk il-Kunsill ikun jista' jaħseb għall-CCTVs fil-pjazza.

2.4.2 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard ġibdet l-attenzjoni li qed idum ma jgħaddi taż-żibel u dan anke ma kienx qed jidħol fl-isqaqin. Is-Segretarjuj ħadet nota ta' dan.

2.4.3 Il-Viċi Sindku Paul Azzopardi talab li jkun imħejji rapport sal-aħħar ta' Ġunju. Is-segretarju ħadet nota ta' dan.

2.4.4 Il-Kunsillier Domenic Zerafa ġibed l-attenzjoni li l-bandli f'tal-Barmil kienu għadhom ma ttawħlux. Is-segretarju kkonfermat li l-istimi kienu jammontaw għal fuq €3,000 u riedet li tippreżenta l-kwotazzjonijiet fil-laqgħa. Kien hawnhekk li nġibdet l-attenzjoni li kull ma hemm bżonn kien li jinbidlu l-bandli u mhux l-istruttura kollha. Is-segretarju kellha tmexxi minnufih.

2.4.5 Il-Viċi-Sindku ssuġġerriexxa li jekk tintalab lista ta' toroq biex isiru mill-Ministeru t'Għawdex kellna ninkludu Triq Il-Franċiżi, Triq Ċnus, Triq L-Arċipriet Grech, Triq Ġidi, Triq Torri Gorġun u Daħla Toni Camilleri.

2.4.6 Il-Kunsillier Domenic Zerafa għadda numru tat-telephone tar-residenti fi Triq L-Eħbel biex b'hekk il-Kunsill seta' jikkuntatja lir-resident biex jiffirma li ma jsibu l-ebda oġezzjoni li ssir *sleeping police* quddiem tagħhom.

2.4.7 Il-Kunsillier Johnny Vella ssuġġerriexxa li jiżdiedu l-bozoz fi Triq Vjal Il-Labour. Is-segretarju nfurmat lill-Kunsill li t-talba kienet approvata fil-laqgħat ta' qabel u li kienet talbet laqgħa fuq il-post mal-inġiniet ta' Galea Curmi biex b'hekk il-bozoz jiżdiedu fejn verament hemm bżonn peress li kien hemm bosta talbiet mir-residenti ta' din it-triq

2.4.8 B'referenza għat-tender ta' ġbir ta' żibel li kien ħareġ flimkien mal-Kunsill ta' Sannat u x-Xagħra, is-segretarju nfurmat li dan irid joħroġ mill-ġdid hekk kif kien ġie *overbudgeted.*

2.4.9 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard talbet li nitolbu bil-miktub lill-Kap tal-Iskola li nixtiequ nagħmlu użu minn Klassi tal-Kinder u anke tal-Art darbtejn f'ġimgħa għall-korsijiet tas-sajf. Talbet ukoll li jinxtraw erba' fannijiet biex inaqqsu mis-sħana fil-klassijiet. Il-membri unanimament qablu li dawn jinxtraw.

2.4.10 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard ġibdet l-attenzjoni li l-Kunsill kien qed jonqos milli jinforma lill-pubbliku fuq bdil fir-rotot tal-karozza tal-linja. Is-segretarju ħadet nota biex tkellem lill-TM biex jieħdu ħsieb jinfurmawna meta jkun hemm bdil f'xi rotta.

2.4.11 Il-Kunsillier Domenic Zerafa talab li jintbagħat il-kuntrattur minnufih biex jaqta' l-ħaxix fuq il-bankina fejn il-bandli tal-Barmil. Is-Sur Zerafa reġa' fakkar fuq il-patching.

2.4.12 Il-Viċi Sindku Paul Azzopardi ssuġġerriexxa li Triq L-Indipendenza ssir one-way. Il-Kunsill iddiskutta dan.

**2.5 Responsabilitajiet Assenjati lill-Kunsillieri**

2.5.1 Il-membri tal-kunsillier ngħataw dawn ir-responsabilitajiet.

Is-Sindku: Proġetti, Infrastrutura, Indafa,Ambjent u l-Qasam Soċjali

Il-Viċi Sindku: Kultura, Anzjani u Integrazzjoni Soċjali

Il-Kunsilliera Jeanelle Attard: Edukazzjoni, Żgħażagħ u Tfal, u Innovazzjoni

Il-Kunsillier Johnny Vella: Sports

Il-Kunsillier Domenic Zerafa: Il-Ħarsien tal-Annimali

*5.24pm Il-laqgħa ġiet issospenduta hekk kif daħal is-Sur Mario Camilleri fil-kamra biex jiddiskutti l-avveniment tal-Evviva Wine Festival. Il-laqgħa tkompliet fis-6.00pm.*

**2.6 Fior D'Argenta**

2.6.1 Is-Sindku kkomunika li kienu bdew il-preparamenti għall-Fior D'Argenta fejn il-programm kellhu jkun simili għal dak tas-sena li għaddiet fejn ikun hemm divertiment li jattira familji bit-tfal fit-28 t'Awwissu u fid-29 t'Awwissu l-attivita' tkun vetrina għat-tradizzjoni fejn jkun hemm marċi mill-banda, għana, qsim tat-torta tal-bajtar u anke l-

ħuġġiega. Is-Sindku kkomunika x-xewqa li jsir reanactment tal-bandu imma kien għadu qed jistenna konferma mill-istess għaqda li ttella' dan ir-reanactment.

2.6.2 Is-Sindku kkomunika li f'dan l-avveniment il-Ministeru t'Għawdex se jkun qed jikkoloborra bl-ammont ta' €5,000 hekk kif kienet saret applikazzjoni taħt il-*Cultural Fund Scheme.* Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill bil-possibilita' li jkun hemm ukoll għajnuna min-naħa tal-Ministeru tat-Turiżmu wara laqgħa li kellhu s-Sindku mal-Ministru tat-Turiżmu Dr Conrad Mizzi.

**2.7 Il-Pjazza tax-Xewkija**

2.7.1 Is-Sindku kkomunika li kienu ħafna li faħħru l-proġett tal-pjazza li kien kważi lest mill-Ministeru t'Għawdex. Is-Sindku stqarr li kellhom jitwaħħlu t-tabelli biex vetturi kbar ma jgħaddux mill-pjazza u jinżebgħu s-sinjali tal- parkeġġ. Semma' kif sfortunatament vetturi kbar kienu qed jgħaddu u anke twaqqfu minnu stess. Il-fatt li l-għassa kienet dejjem magħluqa ma jgħinx waqt li n-nuqqas ta' preżenza ta' gwardjani lokali kienet tinħass.

2.7.2 Is-Sindku wera x-xewqa li tingħalaq il-pjazza għat-traffiku fit-tmiem il-ġimgħa biex b'hekk tiggawda mill-pubbliku inġenerali fix-xhur tas-sajf. Il-Kunsilliera Jeanella Attard issuġġerriet li jsiru bollards jittelgħu u jinzżlu fil-bidu tal-pjazza. Il-Kunsill.iddiskussa li dawn il-bollards riedu jsiru max-xogħol tal-pjazza. Id-diskussjoni tkompliet dwar il-possibilita' li tingħalaq il-pjazza bl-assistenza tal-Uffiċjali minn Transport Malta. Is-segretarju kellha tiċċekja x'irid isir biex tingħalaq il-pjazza hekk kif kien se jkun hemm bżonn l-assistenza ta' żewġ uffiċjali ta' TM.

2.7.3 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard ssuġġerriet li jsiru bollards

**2.8.1 Korrispondenza u Materji Oħra**

2.8.1 Ittra mid-Direttur Christopher Galea bl-approvazzjoni tal-ħatra ta Sue-Ellen Bugeja bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv.

2.8.2 Korrispondenza relatata mal-Proġett ta' Measure 4.3 fejn il-Bord approva estensjoni sat-28 ta' Ġunju 2019. Is-Segretarju Eżekuttiv kellha titlob estensjoni oħra hekk kif il-kuntrattur ma pprovdiex il-kontijiet u *retention guarantees* u l-pagamenti ma setgħux jgħaddu.

2.8.3 Imejl mingħand is-Sur Matthew Bugeja mill-Arpa b'informazzjoni relatata mal-*Claim* ta' Measure 4.3 fejn il-Kunsill ġie nfurmat li l-ammont ta' €17,979.28 kien ser jidħol fil-kont tal-bank wara li €1,241.62 relatati max-xogħlijiet tal-ilma kienu ineliġibli.

2.8.4 Invit minn Heritage Malta lis-Sindku u Segretarju Eżekuttiv għall-iffirmar tal-ftehim ta' kollaborazzjoni fuq l-iskema tal-Passport tal-Kbar fis-16 ta' Mejju 2019.

2.8.5 Imejl minn Stephan Micallef b'referenza għas-*Subsidiary Legislation* 549.40 u l-laqgħa mal-Kunsill fejn il-MESDC kienet qed tordna lill-Kunsilli li ma jkunx hemm bdil fl-iskeda ta' ġbir ta' skart.u

2.8.6 Ċirkulari 06/2019- CCTV Cameras installati mill-Kunsilli Lokali fejn qed telenka x'hemm bżonn isir meta tiġi installata camera. Mehmuż ma' din iċ-ċirkulari hemm tlett dokumenti: id-Data Protection Impact Assessment, CCTV Policy u CCTV Policy Guidelines.

2.8.7 Ċirkulari 07/2019- Riforma Gvern Lokali-Emendi fl-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap 363. Iċ-Ċirkulari telenka l-emendi prinċipali li huma aktar spjegati fid-dokument mehmuż.

2.8.8 Imejl mis-Sindku Paul Azzopardi mibgħutha fejn talab li tiġi rrtirata l-applikazzjoni għar-restawr fuq is-Salib tad-Dejma wara li x-xogħol kien parti mill-proġett tal-Pjazza.

2.8.9 Ċirkulari AKL 2019/051 fejn l-Assoċjazzjoni kient qed tippromovi l-inizjattiva tal-MCCF fejn dawk li jipparteċipaw titnaqqsilhom €2.33.

2.8.I0 Imejl relata maċ-Ċirkluri Akl 2019/012- Ħatra ta' DPO Temporanju b'lista b'dawk il-Kunsilli li għadhom ma ħatrux DPO Officer. Fil-kas tal-Kunsill tax-Xewkija, il-Kunsill kien daħal fi ftehim mar-Reġjun t'Għawdex fejn kien ħareġ sejħa għall-DPO.

2.8.11 Cir AKL 2019/048 - Jum Dinji tad-Donaturi tad-Demm - binjiet mixgħula bl-aħmar. Talba biex il-Kunsill jipparteċipa billi jixgħel dawl aħmar ma' xi bini mill-1 sal-14 ta' Ġunju 2019.

2.8.12 Cir AKL 2018/104 - Inizjattiva Għotja ta' Demm- Imejl li reġgħet ġiet iċċirkulata biex il-Kunsill jipparteċipa fl-għoti ta' demm.

2.8.13 Approvazzjoni minn TM għall-sleeping police fi Triq Chev Zammit Haber.

2.8.14 Invit għaċ-ċerimonja ta' Ħatra ta' Sindku u Viċi-Sindky fit-3 ta' Lulju fis-6.00pm fi Pjazza it-Tokk.

2.8.15 ĊIR AKL 2019/056- Seminar-Fondi għall-Inizjattivai Kulturali/Soċjali mill-Fondi tal-Lesa li ser isr il-Ħamis 11 ta' Lulju 19.

2.8.16 Approvazzjoni għat-talba diretta lil TM għall-Double Yellow Line fil-kantuniera ta' Triq Mikelanġ Sapiano.

2.8.17 Approvazzjoni għat-talba diretta lil TM ta' Double Yellow Line ma' garage fi Triq Torri Tingi.

2.8.18 Talba għall-Double Yellow Lin fi Triq Il-Kbira faccata ta' Triq San Publiju. Dan wara diffikulta' li sewwieqa qed isibu x'ħin jiġu biex jiksru. Meta l-Kunsill ċċekkja sab li linji sofor hemm imma kellhom bżonn jerġgħu jinżabgħu għax iffejdaw bix-xemx.

2.8.19 Ċir AKL 2019/064 Laqgħat bejn l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u l-Kunsill Lokali. Il-Kunsill ġie mgħarraf li filkas t'Għawdex din il-laqgħa kienet ser isir fit-13 ta' Lulju 2018 fil-laqgħa tal-Lesa.

2.8.20 Korrispondenza b'email minn LCA biex tinġarbar informazzjoni personali ta' kull membru tal-Kunsill, Segretarju Eżekuttiv u staff sal-Erbgħa 31 ta' Lulju 2019.

2.8.21 Ċirkulari 10/2019- Devoluzzjoni Lokali-Memo 25/1999 fejn b'referenza għall-Memo msemmija kull referenza għall-Kunsill Lokali tapplika għall-Kunsill Reġjonali.

2.8.22 ĊIR AKL 2019/057- Health Policy għall-membri ġodda tal-Kunsilli Lokali- is-Segretarju kkuntatjat lis-Sur Johnny Vella fejn talaba tmexxi bl-insurance tiegħu.

2.8.23 Ittra mill-PA fejn il-Kunsill ġie nfurmat li l-applikazzjoni għall-Open Space biswit l-iskola tax-Xewkija kienet waqgħet u f'kas li l-Kunsill jixtieq jkompli bil-proġett irid japplika mill-ġdid.

2.8.24 Korrispondenza mill-PA rigward is-smiegħ mill-bord fuq applikazzjoni PA 7915/16- sit f'Triq San Anard/Għajn Lukin Xagħra fejn il-Kunsill kien qed jiġi mistieden.

2.8.25 Imejl mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fuq ħmieġ fi Sqaq Nru 1 fi Triq Il-Knisja. Is-Segretarju nfurmat lill-kuntrattur kkonċernat biex jieħu azzjoni minnufih.

2.8.26 Ċirkulari 11/219-Riforma Gvern Lokali- Pubblikazzjoni ta' A.L.122 tal-2019. Id-data stabbilita biex dan jidħol fis-seħħ hija s-26 ta' April 2019.

2.8.27 Minuti mil-Laqgħa tat-Tlieta 21 ta' Mejju 2019 tal-AKL.

2.8.28 Direttiva 1 2019- Ħatra ta' Viċi Sindku-Kunsillier bejn is-16 u t-18-il sena fejn Kunsillier bejn din l-eta' li jkun ġab it-tieni l-akbar għadd ta' voti mil-partit li ġab il-maġġoranza assoluta ma jistax jiġi ddikjarat Viċi Sindku.

2.8.29 Stqarrija AKL 04/2019-Inizjattivi Kontra r-Rilaxxar tal-Bżieżaq u r-Rimi tal-loqom ta' sigaretti mal-art. L-istqarrija tinkludi lista ta' lokalitajiet li ffirmaw il-ftehim biex ma jagħmlux użu mill-bżieżaq u konfetti tal-plastik waqt festi u attivatijiet. Barra minnhekk l-istqarrija tħeġġeġ biex aktar kunsilli jintrodduċi bins apposta għal-loqom tas-sigaretti u anke chewing gums.

2.8.30 Imejl mis-Sur Loporto minn Gozo Village Holidays biex jitnaddaf l-isqaq numru 2 fi Triq Santa Katerina. Il-kuntrattur responsabbli ġie nfurmat immejatament.

2.8.31 Imejl b'stedina għall-ECP Business Brekfast fil-5 ta' Lulju fil-Grand Hotel. Is-Segretarju rreġistrat biex tattendi.

2.8.32 SPI/SCI/11/2019-Għajnuna Finanzjarja għall-korsijiet ta' Tagħlim tul il-Ħajja ( Lifelong Learning). Skema li se tkun qed tiffinanzja sa massimu ta' €2,000 (85%) u tagħlaq fil-30 ta' Lulju 2019.

2.8.33 Imejl mis-Segretarju lill-Ministru t'Għawdex fejn talbet għajnuna addizjonali fuq Triq Santa Elizabetta hekk kif l-offerti mitfugħa huma aktar mill-għajnuna li ngħata l-Kunsill mill-istess Ministeru.

2.8.34 Stedina-Parteċipazzjoni fil-Pink October 2019 Campaign fejn il-Kunsill jekk interessat għandu jibgħat imejl lis-Sa Carmen Elizabeth Abela.

2.8.35 Ċirkulari minn Wasteserv bi stedina biex jipparteċipa fl-European Week for Waste Reduction mis-16 sal-24 ta' Novembru. Reġistrazzjonijiet tal-azzjoni mill-Kunsill biċ-ċans ta' premju ta' €1000 jintlaqgħu mill-bidu ta' Settembru 2019.

2.8.36 SPI/SCI/10/2019 Skema Finanzjarja Żvilupp ta' Librerija Lokali Reġjonali sa massimu ta' €3000 (85%). Applikazzjonijiet jintlaqgħu sat-23 ta' Lulju 2019. Il-membri tal-Kunsill qablu li nipparteċipaw.

2.8.37 Imejl mir-Reġjun rigward il-Ħatra tal-Membri Effettivi u dawk Sostituti tal-Kunsill Reġjonali fejn il-kariga hi miftuħa għas-Sindku u Viċi Sindku rrispetivament. Jekk dawn

ma jaċċettawx il-Kunsill għandu jaħtar sostitut mill-Kunsilliera. Is-Sindku u Viċi Sindku aċċettaw din il-kariga.

2.8.38 Ċirkulari AKL 2019/038 Malta Pride Initiative 2019 fejn il-Kunsilli huma mistiedna jagħtu s-sapport tagħhom lil-LGBTQ.

2.8.39 2PI/SCI/9/2019- Skema ta' Finanzjament għall-Gvern Lokali għall-Kura tal-Annimali fil-Komunita'. Il-Kunsill fil-laqgħa t'April kien qabel li japplika fuq Dog Park fi Ġnien Il-Ħaddiem fejn kien hemm il-BIS.

2.8.40 Invit mis-Sur Joseph Vella Segretarju tal-Kumitat Ċentrali tal-Festa b'invit lill-membri tal-Kunsill għall-festa sorpiża lil Arċipriet fl-għeluq tal-25 sena qassis.

2.8.41 Talba biex isir *sleeping police* fi Triq San Leonardu qabel ma tidjieq it-triq. Il-Kunsill qabel tidjieq it-triq. Il-membri tal-Kunsill unanimament qablu li nmexxu t-talba ma' Transport Malta.

**2.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda ta' Pagamenti;**

2.9.1 Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**2.10.1 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss.**

2.9.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.00pm. Il-Kunsilliera unanimament qablu li s-seduta li jmiss tal-Kunsill għandha ssir nhar it-Tnejn 5 t'Awwissu 2019 fl-4.00pm.

Konfermati, illum 13 ta' Settembru 2019

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ____________________ | ____________________ |
| Hubert Saliba | Marion Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |